MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2008

Numru 134/1994

**Il-Pulizija**
**Supretendent Neil Harrison**

**Vs**

**Joseph Zammit**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat u dan talli f`Hal Qormi fit-8 ta` Marzu, 1994, ghall-habta tas-6.30 p.m.;

a) bil-hsieb li jikkaguna offiza gravi fuq il-persuni ta` PS 1439 J. Tabone, WPS 24 J. Gauci, PC 10 T. Cassar Mallia u PC 996 J. Massa, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, filwaqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta` ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita` kompetenti, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti

mill-volonta` tieghu, billi saq vettura numru S 1040 tal-marka Toyota fid-direzzjoni tal-persuni hawn fuq imsemmija.

b) bil-hsieb li ihassar, jaghmel hsara jew jgharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe` vettura numru X 3335, vettura mikrija mill-Gvern ta` Malta, wera dan il-hsieb b`atti esterni u ta` bidu ghall-esekuzzjoni ta` dan id-delitt, liema delitt ma giex esegwiet minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu, billi saq vettura numru S 1040 fid-direzzjoni ta` vettura X 3335.

c) saq vettura numru S 1040 b`manjiera perikoluza, traskuraggni u negligenti u bi speed ecessiv.

d) talli ukoll sar recidiv b`sentenzi moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fl-1/2/94 u 15/2/94, f`liema sentenzi kien ikkundannat ghal sena prigunerija sospiza, ghal sena u 6 xhur prigunerija sospizi ghal sena rispettivament.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali (fol. 10 ibid) sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputat jiddikjara fl-esami, illi ma ghandux oggezzjoni ghal din il-procedura.

Semghet ix-xhieda u rat id-dokumenti prodotti mill-Prosekuzzjoni.

Semghet lill-akkuzat minn jeddu.

Semghet ix-xhud prodott mill-istess akkuzat.

Rat in-noti ta` sottomissjonijiet tal-partijiet (fol. 103, fol. 105, fol. 110 ibid).

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi kif xehed l-<u>Ufficjal Prosekutur</u> (fol. 16 et seq ibid), wara li kien gie infurmat minn PC 10 Trevor Cassar Mallia illi dan kien osserva lil certu Joseph Zammit waqt li <u>aktarx</u>

kien qed jittraffika droga fil-Wied ta` Hal Qormi flimkien ma` mara u dan f`karozza blu tal-marka Toyota, hu kien baghat erba` Pulizija li sabu l-imsemmija vettura. Di fatti, din il-vettura ingiebet fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija flimkien ma` l-imsemmi Joseph Zammit, l-akkuzat odjern. Pero` minn tfittxija li saret kemm fil-karozza, kemm fuq il-persuna ta` l-akkuzat ma kien instab xejn relatat ma` droga. Sussegwentement, l-akkuzat irrilaxxja <u>stqarrija bil-miktub</u>, hemm annessa a fol. 21 u markata <u>Dok. NH</u>, f`liema stqarrija, kontrarjament ghal dak li kien infurmah PC 10 Trevor Cassar Mallia, l-istess akkuzat kien cahad li hu kien saq ghal fuq il-karozza tal-Pulizija anzi kien l-oppost. Di fatti l-akkuzat kien stqarr li ma kienx induna li kienet vettura uzata mill-Pulizija. Jigi rilevat illi l-karozza wzata u appartenenti lill-akkuzat kellha numru ta` registrazzjoni S 1040 waqt li, fl-incident in esami, il-Pulizija kienu qed juzaw karozza tal-kiri bin-numru X 3335 misjuqa mill-istess PC 10 Trevor Cassar Mallia.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi gew prodotti u xehdu l-Pulizija involuti f`dan l-incident cioe`:-

a) <u>PC 996 Joseph Massa</u> (fol. 26 et seq ibid) li qal li fit-8 ta` Marzu, ghall-habta tas-6.30 pm, meta hu u shabu waslu fil-Wied ta` Hal Qormi, hu kien ra l-vettura imsemmija li kienet parkeggjata minn naha tas-“centre strip” tat-triq u go fiha kien ra’ lill-akkuzat wara l-“steering wheel”, mara u zewg guvintur. Kif kienu “… sar jintervjenu ghal fuqhom”, l-akkuzat “saq f`daqqa u kieku ahna ma skapulajnihx kien jidhol go fina”. Dwar dan il-punt ix-xhud spjega ulterjorment li l-karozza l-ohra kienet parkeggjata u wieqfa, il-Pulizija avvicinatha bil-mod meta din kienet thares fid-direzzjoni tal-karozza tal-Pulizija. In oltre, il-karozza misjuqa mill-akkuzat ghaddiet minn quddiem il-vettura taghna u “kieku ahna ma ressaqniex (taghna) lejn il-genb kien jolqotna”. Di fatti, l-akkuzat saq ‘l hemm u gie insegwit mill-Pulizija sakemm il-karozza misjuqa mill-akkuzat kienet instabet f’“drive in” go Triq il-Milied, bl-akkuzat u dik il-mara li hu semma` go fiha. Meta saret tfittxija, fuq il-post, kemm il-karozza, kemm fuq l-

akkuzat ma kien instab xejn. Ix-xhud kompla jispjega illi meta kienet qed tigi avvicinata l-karozza bl-akkuzat go fiha, "… ma kellna xejn x`jindika li konna pulizija". Pero` waqt l-insegwiment, l-istess pulizija kienu xeghelu l-"beacon light" izda l-akkuzat xorta wahda, kompla jsuq 'l hemm u bis-sahha.

b) <u>PC 10 Trevor Cassar Mallia</u> (fol. 30 et seq ibid) spjega kif qabel dan l-incident, ghall-habta tas-6 pm kien ra l-karozza numru S 1040 waqt li kien xoghol f`Hal Qormi u go fiha kien hemm l-akkuzat, wara l-"stering" u b`mara hdejh u zewgt irgiel fuq wara. Meta ra hekk kien mar fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija, gabar xi Pulizija ohrajn mieghu u rega` mar lura ma` dawn f`Hal Qormi f`karozza tal-kiri numru X 3335. F`din il-lokalita` hu kien ra l-istess karozza tesegwixxi "U turn" go Valletta Road u tigi parkeggjata mal-genb, thares fid-direzzjoni tal-karozza misjuqa mix-xhud. Kif raha hekk, ix-xhud saq bil-mod lejha u "… kif kont qed nikser ghal fuq l-istess karozza … l-akkuzat qala` … u saq 'l hemm 'gas down'". Biex jevita l-habta x-xhud gibed ossija "kelli nikser lejn il-left", il-barra u nnota li l-karozza l-ohra "… giet b`velocita` kbira ghal fuqi". Dwar l-istess sewqan da parti ta` l-akkuzat, ix-xhud specifika "Dak il-hin l-akkuzat ghamel manuvra fis-sens illi kien ser jghaddini minn fuq in-naha tal-'left' tieghi, pero` peress li dak il-hin kont f`nofs it-triq ma setax jghaddi". Hawnhekk hu iddeskriva l-insegwiment li sar, wara li harget u giet mixghula l-"beacon light", bl-akkuzat jsuq b`velocita` kbira b`manjiera perikoluza u bla kont tant li kwazi laqat xi karozza kif hareg ghal go t-triq principali.

c) <u>PS 1439 John Tabone</u> (fol. 47 et seq ibid) ukoll xehed li kif l-akkuzat ra l-karozza tal-Pulizija, hu saq 'l hemm <u>b`velocita` qawwija fid-direzzjoni taghna</u> u "wrong side" u minhabba hekk, l-imsemmi PC 10 Trevor Cassar Mallia lewa lejn il-lemin u ghalhekk il-karozza misjuqa mill-akkuzat "… ghaddiet minn naha tax-xellug taghna ftit il-boghod minna". In oltre meta beda l-insegwiment, giet mixghula, mix-xhud stess, il-"beacon light".

d) <u>WPC 24 Josephine Gauci</u> (fol. 51 et seq ibid) fis-sustanza, kkonfermat dak li xehedu x-xhieda precedenti.

Ikkunsidrat

Illi l-akkuzat meta xehed (fol. 89 et seq ibid) beda billi kkonferma l-kontenut ta` l-istqarrija rilaxxjata minnu u li tinsab a fol. 21 ibid u li ghaliha diga` saret referenza meta kien qed jixhed l-ufficcjal prosekutur. Hu kompla jghid illi l-karozza tieghu kienet wahda pjuttost qadima, liema fatt jidher mir-ritratt, esebit a fol. 23 ibid u markat Dok NH 1. Hu kompla billi sostna, ghal darb`ohra, illi hu kien parkeggjat "… fuq is-'side' tieghu meta kont ser nibda` naqla`". Dak il-hin hu sab "… karozza go wicci ezatt" u li giet "wrong side" u "… quddiemi bis-sahha". Minhabba hekk, hu beza` u "… ghalhekk mort 'l hemm". Dak il-hin, hu ma kienx jaf minn kienu l-persuni f`dik il-karozza u "dawn ma kienux libsin uniformi". Hu cahad li "… ippruvajt naghmel xi feriti fuq il-persuni fil-karozza l-ohra". Waqt li cahad li hu pprova jistahba wara li telaq minn fuq il-post hu sostna wkoll li ma kien ra lil hadd jinsegwih f`karozza bil-"beacon light" tixghel. In oltre hu allega wkoll illi mill-karozza l-ohra, kien nizel wiehed "… hatafni mill-gakketta" u "dan il-Pulizija beda jitkessah u anki hareg ir-"revolver". L-akkuzat ipproduca, bhala xhud, il-mara li kienet mieghu cioe` Rita Gauci (fol. 95 et seq ibid). Din sostniet illi meta kienet f`Hal Qormi fl-istess karozza li "… qed taqa` bicciet", l-akkuzat kien waqaf ghal "bzonn naturali". Meta dan gie lura u kienu ser jergghu jsuqu 'l hemm, karozza ohra, deskritta minnha bhala kbira "… kienet ser tidhol ghal go fina" sabiex jigi evitat incident, l-akkuzat dawwar l-"steering" u "… ghalhekk morna n-naha l-ohra tat-triq" u saq 'l hemm b`mod normali. Hi semmiet illi allegat, ukoll, illi dak ir-ragel jismu "Trevor" u li ssemma` kien hataf lill-akkuzat, "… tah zewg tisbitiet mal-karozza … (u) … ghamel 'revolver' f`halq l-akkuzat".

Ikkunsidrat

Illi l-Qorti qieset il-provi kif esposti kif ukoll in-noti rispettivi ta` sottomissjonijiet a fol. 102, fol. 105 u fol. 110 ta` l-atti u waslet sabiex hekk tinkludi kif ser jinghad:-

a)  Dwar l-akkuza ta` tentattiv ta` ferita gravi, fil-konfront tal-Pulizija li hemm f`karozza tal-kiri, il-Prosekuzzjoni kellha tipprova, minghajr ma jissusisti dubju dettat mir-raguni illi l-akkuzat ifforma l-<u>intenzjoni generika</u> li jikkometti dan id-delitt, skond kif rikjesta mill-ligi f`delitti bhal dawk in ezami.  Pero`, mill-istess provi, jista` jirrizulta, wkoll, li l-agir tal-akkuzat u s-sewqan tieghu kienu ntizi sabiex jahrab minn fuq il-post, meta konfrontat bil-karozza l-ohra b`Pulizija pajzana go fiha.  La darba hemm il-<u>probabilita`</u> illi l-akkuzat agixxa kif agixxa sabiex jahrab, <u>b`mod pjuttost sperikolat</u>, minn fuq il-post, hu ma jistax jinstab hati ta` dan id-delitt fuq livell ta` tentattiv billi ma giex pruvat kif rikjest mill-ligi illi hu “wera dan il-hsieb b`att estern”.

b)  L-istess ragunament u konkluzzjoni japplikaw, ukoll ghat-tieni akkuza.

c)  Ma hemm ebda dubju illi l-akkuzat saq il-vettura numru S 1010 b`manjiera altament perikoluza, bla kont u b`velocita` eccessiva fl-isfond tac-cirkostanzi ta` dan il-kaz.

d)  In rigward <u>ricediva</u>, issir referenza ghall-kopja legali, in atti, a fol. 56 et seq ibid u l-prova ta` l-identita` maghmula mill-Ispettur Philip Sammut a fol. 62.  Mill-atti relattivi jidher li l-akkuzat kien ammetta li kkommetta tentattiv ta` serq kif kwalifikat, talli ghen lill-awtur jew awturi ta` dan id-delitt, talli saq karozza fil-Belt Valletta minghajr licenzja *ad hoc* u ta` ricediv u kien gie kundannat ghal sentenza ta` prigunerija “sospiza”.  Pero`, f`dan il-kaz, gie konsiderat l-artikolu 52 ibid fejn jinghad “… fil-kundanni dwar delitti ohra, ma jitqiesux il-kundanni moghtija ghal delitti maghmulin b`nuqqas ta` hsieb jew bi traskuragini … jew minhabba nuqqas ta` hars tar-regolamenti u ‘vice versa’”. Ghalhekk, fid-dawl ta` dak premess l-akkuzat ma jistax jigi kunsiderat bhala ricediv ghal kull effett u fini fil-ligi.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi, ghalhekk, l-akkuzat ghandu jinstab hati biss ta` l-<u>akkuza (c)</u>.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti filwaqt li ssib lill-akkuzat mhux hati tal-akkuzi a), b) u d), issib lill-istess akkuzat hati talli f`Hal Qormi fit-8 ta` Marzu, 1994 ghal habta tas-6.30 kien saq vettura numru S 1040 b`manjiera perikoluza, traskurata u negligenti u bi "speed" eccessiv skond l-artikolu 15 (1) (a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta. In rigward piena, wara li gew kunsiderati l-fedina penali ta` l-akkuzat minn fejn jidher li gia` nstab hati tad-delitt in esami kif ukoll il-grad gholi ta` perikolozita` ta` sewqan da parti ta` l-akkuzat, il-Qorti tikkundannah Lm 100 ossija € 232.94 bhala multa kif ukoll tiskwalifika lill-istess akkuzat milli jkollu licenzja tas-sewqan ghal ghomru kollu.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------